Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. TERENCE MICALLEF (KI. 131391M)

(SEWQAN TA' VETTURA MINGĦAJR LIĊENZJA TAS-SEWQAN – KAP. 65 ART. 15(1)(A),(3) – SEWQAN TA' VETTURA META L-LIĊENZJA TAL-UTILIST TKUN ĠIET REVOKATA MILL-AWTORITA' DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU – SEWQAN TA' VETTURA BI TRASKURAĠNI JEW B'NUQQAS TA' KONT – KAP. 65 ART. 15(1)(A)(2),(3) – PROVA TAR-REĊIDIVA AI TERMINI TAL-ART. 49, 50 TAL-KAP. 9 – DISTINZJONI BEJN DELITTI U KONTRAVVENZJONIJIET )

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20 ta' Lulju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Terence Micallef, detentur tal-karta tal-identità numru 131391M imwieled il-Pietà u residenti Birżebbuġa ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Nicholas Vella,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Joe Giglio,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli nhar is-17 ta' Frar 2019 għall-ħabta ta' 16.30 hrs filwaqt li kien qiegħed isuq il-vettura BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni "ZESHIA" fi Triq Ħal Qormi, il-Marsa:

    1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)),

    2. Sar reċidiv b`sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 25/11/2014 mill-MAGT.DR.F.DEPASQUALE LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula (Kap. 9, Art. 49, 50),

    3. Saq vettura bil-mutur meta kellu l-liċenzja tas-sewqan revokata mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (L.S. 65.18, Art. 41 sic!),

    4. Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, naqas li jara li t-tfal jkunu marbutin permezz ta`sistema ta` rbit tat-tfal u/jew ċintorin tas-sigurtà, hekk kif mitlub bil-liġi (L.S. 65.12, Art. 7),

    5. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni (Kap. 65, Art. 15(1)(a), (3)),

    6. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b`nuqqas ta kont (Kap. 65, Art. 15(1)(a), (2)),

    7. Mexxa jew ħaddem magna ta` vettura b`mod li tagħmel ħsejjes żejda (L.S. 65.11, Art. 105).

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta` żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

3. Fl-affidavit maħluf tiegħu, **PC 475 E. Farrugia** *inter alia* spjega li nhar is-17 ta' Frar 2019 għall-ħabta ta' 16:35hrs waqt li kien xogħol Qormi Road, Marsa, eżattament taħt il-Pont tal-Ħamrun/Marsa By Pass, beda jisma ħsejjes ta' twerżieq ta' tyres mill-bogħod fejn wara ftit tfaċċat vettura ħierġa minn Triq N. lsouard, Marsa, tal-għamla BMW M4 ta' lewn iswed bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni 'ZESHIA'. Din il-vettura bdiet tinstaq b' veloċita qawwija u bla kontroll fejn bdiet isserrep min-naħa għall-oħra ta' triq, kif ukoll bi twerżieq ta' tyres. B' hekk jien għamilt sinjal lix-xufier ta' din il-

vettura biex jitfa mal-ġenb tat-triq kif fil-fatt għamel. Meta waqqaf lill-vettura huwa seta' jinnota li fuq wara tagħha kien hemm żewġt itfal minorenni bilwieqfa fuq is-seat ta' wara mingħajr seatbelt jew mezz ieħor ta' rbit. Meta ħa l-partikolaritajiet tiegħu rriżulta li x-xufier kien ċertu Terence Micallef ID. 131391M imwieled nhar 20/02/1991, iben Lawrence Micallef u Susan nee' Pace u residenti Birżebbuġia. Meta talab lix-xufier sabiex jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan dan wieġbu li ma' kienetx fuqu. Għalhekk PC 475 għamel kuntatt mal-*Control Room* tal-Pulizija minn fejn irriżultalu illi l-liċenzja kienet sospiża. Dak il-ħin l-imputat stqarr li ma' kienx jaf b'dan u kull ma' kien jaf kien li Transport Malta kienu bagħtulu xi ittra iżda ma' kienx jaf din x'fiha.

4. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2019, ir-rappreżentant ta' Transport Malta, **Stephen Cachia,** li kien mitlub sabiex *inter alia* jagħmel riċerka fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat, xehed illi din il-liċenzja kienet bdiet fis-6 ta' Settembru 2017 u għalqet fil-5 ta' Novembru 2018 meta nħarġet ittra ta' revoka minn Transport Malta.

5. Fl-istess seduta l-Prosekuzzjoni esebiet bil-ġurament ittra datata 18 ta' Frar 2019 mibgħuta minn Transport Malta lill-Pulizija Eżekuttiva li permezz tagħha nfurmat lill-Pulizija (bi tweġiba għal ittra li l-Pulizija kienet bagħtet lil Transport Malta) illi:

    1. Fis-17 ta' Frar 2019 l-imputat ma' kienx fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan valida,
    2. Il-liċenzja tas-sewqan tiegħu ġiet revokata fil-15 ta' Novembru 2018 ai termini tal-Art. 36C tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 minħabba li kien akkumula tnax-il punti penali,
    3. Il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat ġiet irritornata lil Transport Malta fil-31 ta' Jannar 2019.[1]

6. Fis-seduta tal-11 ta' Frar 2020 **Kenneth Pace**, rappreżentant ta' Transport Malta, ikkonferma l-ittra maħruġa minnu u xehed ukoll illi l-imputat personalment kien irritorna l-liċenzja tas-sewqan lura lil Transport Malta fil-31 ta' Jannar 2019. F'dan ir-rigward ix-xhud esebixxa dikjarazzjoni ffirmata *inter alia* mill-imputat innifsu[2]. Huwa ppreżenta ukoll lista kronoloġika[3] ta' kif seħħew l-affarijiet u ċioe illi:

---

[1] Fol 14
[2] Fol 30
[3] Fol 29

- Fil- 5 ta' Novembru 2018 intbagħtet *revocation* letter li ma' ġietx miġbura mill-"klijent",
- Fid-9 ta' Jannar 2019 intbagħtet *reminder* għar-*revocation* letter u din filfatt ġiet "*collected by client on 15.01.2019"*,
- Fil-31 ta' Jannar 2019 il-liċenzja ġiet irritorna lura lil Transport Malta,
- Fit-18 ta' Frar 2019 ġiet imwieġba ittra mibgħuta mill-Ispettur Pierguido Saliba.

In kontroeżami fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2020 x-xhud qal illi b'riferenza għad-dokument a fol 29 huwa ma' setax jgħid jekk ir-*reminder* għar-*revocation* letter kienetx effettivament miġbura mill-"klijent" fil-15 ta' Jannar 2019 għaliex din tkun nbagħtet bil-posta.

7. L-imputat għażel li ma' jixhidx u li ma' jressaqx provi.

**L-ewwel imputazzjoni – sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan**

8. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, rriżulta mill-atti illi l-imputat kien ottjena *probationary driving license* b'effett mis-6 ta' Settembru 2017. Din il-liċenzja hija valida għal tlett snin.[4] Ġara iżda illi l-imputat akkumula tnax-il punt fuq il-liċenzja u għalhekk din ġiet revokata minn Transport Malta. Mix-xhieda u provi dokumentarji ta' Kenneth Pace, rappreżentant ta' Transport Malta, ma' rriżultax illi l-imputat jew xi ħadd għan-nom tiegħu ġabar din l-ittra ta' revoka għalkemm skond l-istess xhud ir-*reminder* li ntbagħtet fid-9 ta' Jannar 2019 ġiet *"collected by client on 15.01.2019".* Ix-xhud jgħid li dawn l-ittri jintbagħtu bil-posta reġistrata u għalhekk ikun hemm sistema ta' *tracking* ta' din il-posta. Madanakollu ma' ġiet esebita l-ebda prova inkluż xi dokument formali (bħal ngħidu aħna dokument rilaxxat mill-*Maltapost Track & Trace* li jinkludi ukoll *Advice of Delivery* – ċioe l-firma ta' min jiġbor il-pakkett*)* li turi li din l-ittra effettivament ġiet ikkonsenjata lill-imputat jew lil xi ħadd ieħor f'ismu skond il-liġi. Ċio nonostante, jidher imbagħad illi fil-31 ta' Jannar 2019 l-imputat personalment irritorna lura l-liċenzja tas-sewqan lil Transport Malta u ffirma għal dan permezz tad-dikjarazzjoni esebita a fol 30 tal-proċess. **Huwa biss bis-saħħa ta' dan id-dokument** illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi l-imputat ma' kellux liċenzja tas-sewqan valida (għaliex ġiet revokata) fis-17 ta' Frar 2019.

[4] Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, Art. 38

9. Sitwazzjoni bħal din saret tirriżulta pjuttost komuni quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Għalhekk il-Qorti tħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti fi ħdan Transport Malta sabiex jiddokumentaw kif suppost il-mod kif il-korrespondenza li tinforma lis-sewwieqa illi l-liċenzja tas-sewqan tagħhom tkun ġiet revokata **tintbagħat** lilhom. Dan jista' jseħħ jew permezz ta' uffiċjali ta' Transport Malta stess li jikkonsenjaw l-ittri personalment (u dan ċertament huwa l-aħjar u l-aktar mezz sikur għall-finijiet tal-kontroll ta' provi quddiem Qorti) jew inkella tramite is-servizzi ta' terzi (fejn tiġi utilizzata sistema li permezz tagħha tintalab il-firma tal-persuna li jkun rċieva l-ittra). F'kull każ però trid issir u tinżamm riferta jew dokument uffiċjali li juri kif l-ittra tkun waslet għand l-utenti, sintendi dejjem jekk din tkun waslet. **Il-Qorti tissottolinea l-importanza taż-żamma ta' din il-prova anke għaliex jidher li qed tkun prassi ta' Transport Malta illi meta tiġi revokata liċenzja tas-sewqan bil-punti din ir-revoka tibda tapplika minn meta l-utent jiġi notifikat biha u mhux mid-data tar-revoka nnifisha** [5]

10. Fil-każ *de quo* ġie ppruvat illi fil-31 ta' Jannar 2019 l-imputat personalment irritorna lura l-liċenzja tas-sewqan lil Transport Malta ftit iżjed minn ġimgħatejn qabel l-inċident mertu tal-kawża u għalhekk huwa ċar illi l-ittra ta' revoka effettivament kienet waslet għandu. Din l-imputazzjoni għaldaqstant tirriżulta ben pruvata.

**It-tieni imputazzjoni – reċidiva**

11. Il-Prosekuzzjoni esebiet kemm il-fedina penali tal-imputat[6] u kif ukoll sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 25 ta' Novembru 2014[7] allegatament fil-konfront tal-imputat liema sentenza allegatament saret definittiva. Qed jingħad allegatament għaliex is-sentenza nnifisha għalkemm tidher li ingħatat fil-konfront ta' ċertu "Terence Micallef" madanakollu ma' fiha l-ebda konnotati li jikkonfermaw l-identità tal-persuna misjuba ħatja f'dik is-sentenza. Lanqas ma' nġiebet xi prova illi s-sentenza ma' ġietx appellata u li għalhekk hija waħda finali. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza hija waħda kopjuża u konsistenti fis-sens illi l-fedina penali tista' tiġi kkunsidrata mill-Qorti fl-ikkalibrar tal-piena iżda ma' tistax tkun hi l-prova ewlenija dwar ir-reċidiva:

---

[5] B'kuntrast, fl-Art. 42 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, l-utent jista' japplika għal liċenzja tas-sewqan ġdida wara li jgħaddu tlett xhur **mid-data tar-revoka.**
[6] Fol 17, 18
[7] Fol 15, 16

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*[8]

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkużata bir-recidiva."*[9]

F'din l-aħħar sentenza intqal ukoll mill-Prim' Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano illi *"il-Qorti tal-Magistrati m'ghandhiex tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-mod kif din tikkonduci l-prosekuzzjonijiet taghha. M'ghandhiex lanqas, ghax sentenza precedenti kontra l-istess individwu tkun inghatat minn dik il-Qorti presjeduta mill-istess Magistrat, tissostitwixxi dik il-konoxxenza ghall-htiega tal-prosekuzzjoni li tipprova anke l-imputazzjoni tar-recidiva beyond reasonable doubt kif suespost"*

12. Issa fil-każ in dezamina l-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja tas-sentenza li allegatament ġiet mogħtija minn din il-Qorti fil-konfront tal-imputat u għalhekk wettqet xogħolha tajjeb f'dak ir-rigward. Però imbagħad ma' ressqet l-ebda prova dwar jekk l-imputat f'dik is-sentenza huwiex l-istess imputat f'din il-kawża u lanqas

---

[8] **Il-Pulizija v. Jason James Agius** (Qorti tal-Appell Kriminali, 105/2001 PV, 05/11/2001)
[9] **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** (Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 272/2002 VDG, 24/02/2003)

ma' ressqet prova dwar li s-sentenza in kwistjoni kienet għaddiet *in ġudikat.* Il-fedina penali tal-imputat hija indikattiva però m'hijiex prova konklussiva f'dan ir-rigward. Għalhekk din l-imputazzjoni ma' ġietx ippruvata b'mod sodisfaċenti skond il-liġi.

**It-tielet imputazzjoni: sewqan ta' vettura meta l-liċenzja tas-sewqan tkun ġiet revokata minn Transport Malta**

13. Mill-provi rriżulta illi l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat kienet ġiet revokata bil-punti minn Transport Malta fil-5 ta' Novembru 2018. Dan sar bis-saħħa tal-Art. 41 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 li tipprovdi hekk:

    *'41. Liċenzja tas-sewqan bi prova tiġi revokata jekk, f'xi żmien matul il-perijodu ta' tliet snin bi prova, id-detentur ta' dik il-liċenzja jkollu b'kollox tnax-il punt ta' penali jew aktar.'*

    L-utent imbagħad ma' jkunx jista' japplika għal liċenzja tas-sewqan ġdida qabel ma' jgħaddu tliet xhur mid-data tar-revoka[10].

14. It-tielet imputazzjoni mressqa mill-Prosekuzzjoni tipprovdi illi l-imputat "*saq vettura bil-mutur meta kellu l-liċenzja tas-sewqan revokata mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta* (L.S. 65.18, Art. 41).

15. L-Artikolu 41 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija però filwaqt li jipprovdi għal x'jiġri meta l-utent jakkumula tnax-il punt penali fuq il-liċenzja tas-sewqan tiegħu, ma' jipprovdi għall-ebda reat f'każ illi dan isuq il-vettura wara li l-liċenzja tkun ġiet hekk revokata. Inoltre m'hemm l-ebda regolament ieħor taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija li joħloq dan ir-reat. Dan m'huwiex każ fejn regolament joħloq reat iżda ma' jipprovdix għal piena (f'liema każ tiġi applikata l-piena taħt l-Art. 55.(1) tal-Kap. 65) iżda każ fejn ir-reat ma' jissusstix. L-eqreb reat għal dak ipotizzat f'din l-imputazzjoni huwa dak taħt l-Art. 59 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu tali reat jirriżulta meta s-sewwieq jkun saq fil-perjodu ta' **skwalifika** tal-liċenzja (ergo meta din tkun ġie skwalifikata mill-Qorti taħt il-Kap..65) u mhux meta din tkun ġiet revokata bil-punti taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18.

---

[10] Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, Art. 42

16. Naturalment il-fatt li l-imputat kien qed isuq il-vettura waqt li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu kienet ġiet revokata għall-kollox minn Transport Malta u miġbura minnha, jwassal għar-reat li huwa kien qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan valida. Dan ir-reat però huwa ravviżat taħt l-ewwel imputazzjoni. Din it-tielet imputazzjoni għalhekk ma' tista' qatt tirriżulta.

**Ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet – nuqqas tas-sewwieq li jiżgura li t-tfal rekbin miegħu jkunu marbutin permezz ta' ċintorin tas-sigurtà u l-aġir tas-sewwieq li juża magna ta' vettura b'mod li tagħmel ħsejjes żejda**

17. Dwar ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet, l-abbli avukat difensur eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' tlett xhur fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2019.

18. Ir-raba' imputazzjoni hija dik ravviżata taħt l-Artikolu 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.12:

*'7.(1)Tfal li jkunu qegħdin jivvjaġġaw sew bħala passiġġieri f'sedil ta' quddiem kif ukoll f'sedil ta' wara ta' vettura bil-mutur M1, N1, N2 jew N3 għandhom jintrabtu permezz ta' sistema ta' rbit tat-tfal li tkun adatta għall-piż tat-tfal kif muri fl-Ewwel Skeda.'*

Il-piena għall-ksur ta' dan ir-regolament hija pprovduta fl-Art. 13(1) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja:

*'13.(1) Xufier li jinstab ħati ta' xi reat bi ksur tar-regolamenti 3, 4, 5, 6, 7(1) u 8 jista' , meta jinsab ħati, jeħel ammenda ta' mhux aktar minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 46.59).'*

19. Is-seba' imputazzjoni hija dik ravviżata taħt l-Artikolu 105 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18:

*'105.Hadd ma jista' jmexxi jew iħaddem makna ta' vettura b'mod li tagħmel ħsejjes żejda'*

Il-piena għall-ksur ta' dan ir-regolament m'hijiex pprovduta fl-istess Leġislazzjoni Sussidjarja iżda hija applikata permezz tad-disposizzjoni ġenerali tal-att prinċipali ċioe taħt l-Art. 55.(1) tal-Kap. 65:

*'55. (1) Bla ħsara ta' kull provvediment ieħor ta' din l-Ordinanza, kull persuna li tagħmel reat kontra xi regolament magħmul taħt l-artikolu 54 għandha, meta tinsab ħatja, teħel il-pieni kif stabbiliti għal kontravvenzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali, iżda kull*

*piena bħal dik ma għandha tkun f'ebda każ anqas minn ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) ...'*

20. Għall-finijiet ta' preskrizzjoni, l-Art. 688 tal-Kap. 9 jipprovdi kif ġej:

    *'688. Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni ...*

    *(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*

    *(f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.'*

21. Iż-żewġ reati ravviżati taħt ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet lkoll jirriżultaw minn liġijiet speċjali u ma' jaqgħux taħt il-kategorija ta' kontravenzjonijiet elenkati fil-Kodiċi Kriminali (Taqsima III tal-Ewwel Ktieb). Huma però suġġetti għall-piena ta' kontravenzjonijiet.[11] Għalhekk il-mistoqsija li tqum hija: għandhom dawn ir-reati jitqiesu kontravenzjonijiet sempliċiment għaliex il-piena tagħhom hija dik applikabbli għal kontravenzjonijiet, jew għandhom jitqiesu bħala delitti li huma suġġetti għall-piena tal-kontravenzjonijiet? Il-mistoqsija hija waħda pertinenti għal diversi raġunijiet fosthom dik li l-preskrizzjoni f'każ li huma delitti tkun dik ta' sentejn mentri fil-każ li jitqiesu kontravenzjonijiet il-preskrizzjoni tkun dik ta' tlett xhur.

22. F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tikkwota *verbatim* minn dak li jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu dwar il-liġijiet penali tagħna (l-Ewwel Ktieb)[12]:

    *"Our Criminal Code (Section 2) divides offences, according to their degree of importance, into Crimes and Contraventions: the more heinous offences are crimes, the less heinous contraventions. But no definition or explanation is contained in the Code to distinguish the one group of offences from the other. In practice no difficulty*

---

[11] Art 7(2) tal-Kodiċi Kriminali: *'7(2) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravenzjonijiet huma: (a) id-detenzjoni, (b) l-ammenda, (ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba.'*

[12] *Notes on Criminal Law (First Book) p. 14-16*

*arises where the offence is expressly contemplated in the Criminal Code itself; for in that Code crimes are dealt with in Part II of Book First separately from contraventions which are dealt with in Part Ill. So, from the place which the offence occupies in the Code, it can be decided whether it is a crime or a contravention. Nor can any difficulty arise in respect of offences created by special laws (that is, penal laws other than the Criminal Code) where the law itself determines the nature of the offence thereunder, as, for instance, the Food, Drugs and Drinking Ordinance (Cap. 54, which provides that all offences against its provisions are to be considered as contraventions, irrespective of the punishment applicable, and the Spirits Ordinance (Cap.64 which lays down that all offences under its provisions are to be considered as crimes. The doubt arises where the special law creating the offence is silent as to its character. In such cases it may be most important in practice to decide to which of the two classes the offence properly belongs, for several reasons of which the most important are the following:*

i. *Forfeiture of the 'corpus delicti', etc. is a consequence that necessarily ensues upon the infliction of any punishment for a crime but cannot be ordered except in the cases expressly laid down by the law in respect of contraventions. (Section 24).*

ii. *An attempt to commit a contravention is not punishable except in the cases expressly determined by law, whereas in respect of crimes the rule is that an attempt is always punishable. (Section 42).*

iii. *The previous conviction of a crime precludes the application of Section 23 (first offender's benefit); previous convictions of contraventions do not.*

iv. *A previous conviction of a contravention does not make the offender a recidivist on a subsequent conviction of a crime. (Section 50).*

v. *The prescriptive period, that is the time within which Criminal action can be taken is of three (3) months in respect of contraventions but ranges between two (2) and twenty (20) years in respect of crimes. (Section 683).*

*But how is one to decide?*

*One theory, very prevalent among continental jurists, is that regard must be had to the intrinsic character of the act itself forming the subject-matter of the incrimination.*

*According to this theory those acts which are inherently wrongful and produce an actual injury to a private or a public right are crimes, whilst those acts which, though in themselves are harmless and are committed without malice, are yet made punishable to prevent an apprehended danger to public peace and order or the rights of others, are contraventions. It may happen that the private of public right has not in fact been actually hurt: nevertheless, if the act directed to the injury of such right has actually exposed the same to a real and imminent danger, the act is still a crime. On the contrary, an act which merely gives rise to a potential and indeterminate danger, is a contravention. In the case of crimes, the law says, for instance, "do not kill": in the case of contraventions, the law says: "Don't do anything which may expose other people's life to danger"; in the former case, the law says: "do not injure other people's property"; in the latter case it says: "Don't do anything from which injury may derive to such property".*

*But this test is not conclusive. The doctrine is, no doubt, useful as a guide to legislators, in the sense that, in the enactment of the laws, those acts which are morally wrongful and cause actual injury of a grave nature, should be classified as crimes, while those others which merely represent a potential danger and are not inherently reprehensible should be allotted to the class of contraventions. Yet legislators may sometimes find it expedient for reasons of social utility or expediency to depart from this rule, and therefore, enacted law does not always follow any invariable 'a priori' principle of separation. Which means that 'de jure condito' any distinction based exclusively or even primarily on the nature or natural consequences of the act itself is fallacious. And in fact in the category of crimes there are facts which are not immoral by ethical standards (for example, Section 84) while, conversely, in the class of contraventions there are facts which are positively morally blameworthy (for example, Section 352 (x) and (y) and Section 353 (k) and (l). Again, there are crimes which do not injure nor expose to actual danger any subjective right (for example, Section 300) while there are contraventions which do cause an actual injury (for example, Section 354). Lastly, there are acts which are dealt with by the law both as crimes and as contraventions, the difference being only one of degree, for example, slander. (Section 265 and Section 353(e)).*

*This last observation recalls another theory which found favour with some other writers (lmpallomeni, Florian). These make the distinction between crimes and contraventions not one of nature but one of degree, that is to say, they found the basis of distinction upon the respective importance of the individual or social conditions of existence which the offence affects. There are offences which directly impinge upon*

*primary and essential conditions of existence (life, liberty, etc.) and occasion a serious disturbance of the legal system: while there are other offences which merely imperil and in a slight degree disturb the legal establishment, or cause only a negligible damage and interfere with conditions of existence that are of minor secondary importance (comfort, amenities). The former offences constitute crimes, the latter contraventions.*

*But it is not difficult to see that this second theory is even less conclusive than the first. Everyone, of course, senses in his own way that there are conditions of life which are more important than others: but the criterion is much too arbitrary and indeterminate to be made the basis of a legal distinction.*

*The truth would seem to be that in relation to positive law no decisive distinction of principle can be made. The most reliable test is the quality or degree of the punishment which the particular offence attracts, on the reasonable assumption that the legislature has imposed the harsher penalties on those offences which are more serious and the less heavy punishments on those offences of a venial nature or slight importance. In order to avoid all questions, some Codes (for example, the Italian Code of 1931) laid it down expressly that, in case of doubt, the distinction is to be made on the strength of the punishment applicable: "II progetto assume a criteria distintivo, tra delitti e contravenzioni, le specie di pena comminata. Adottando tale criteria non ho creduto disconoscere la diversita' ontologica delle due categorie di reati, ne' rinunziare a classificare i fatti antigiuridici nell'una o nell'altra categoria, secondo ii loro sostanziale carattere; ma ho creduto mettere in evidenza ii criteria piu' sicuro per identificare le contrawenzioni, tenuto presente che la lunga ed interessante elaborazione dottrinale e giurisdizionale, che ha seguito l'attuazione del codice del 1889, non e' ancora riuscita a suggerire una formula di distinzione che raccolga adesioni tali da farla ritenere almeno prevalente. In verita' e' da riconoscere che ii legislatore classifica i fatti nella una o nell'altra categoria di reati, non solo in base a principii di scienza giuridica, ma anco secondo necessita' di politica criminale: cosi' che spesso non e' possible riportare la classifica nell'orbita di una teoria preordinatamente accettata ed applicata"[13].*

[13] Relazione della commissione ministeriale sul progetto del Codice Penale, I, p.82

***Our Criminal Code does not lay down any express rule. But at Section 7 it specifies the punishments which are applicable to crimes and the punishments which are applicable to contraventions. If the criterion of punishment is relied upon, it will be easy to judge from the punishment attaching to the particular offence in question whether it should be considered a crime or contravention. It is true that even this test is, in some exceptional cases, negatived in the Criminal Code itself; there are therein offences, being crimes, which are, in certain specified circumstances, made liable to the punishments established for contraventions (for example, Section 240 (c), Section 301 and Section 265 (2)). But, as a rule, the distinction based on the kind of punishment can be relied upon. And it has, in fact, been adopted by our Courts in all cases, one may say in which the question arose for decision**.* (emfasi miżjuda mill-Qorti).

*Thus, in re Francesco Azzopardi P.L. v. Enrico Mizzi[14], His Majesty's Court of Appeal said:*

*"II criteria pratico indicato della dottrina e seguito nella giurisprudenza, si' locale che estera, per distinguere i delitti dale contrawenzioni, e' appunto la qualita della pena comminata per i vari titoli di reato".*

*The same rule was followed in the learned judgement delivered by Mr Justice Camilleri L.A. in re 'The Police vs. Charles Gatt' (Criminal Code of Appeal, 27.3.1942) where it was decided, on the strength of the punishment applicable, that offences against the Malta Defence Regulations were crimes. (See also decision in re 'The Police vs. Cataldo Vella', Criminal Court of Appeal, 26.11.1943.)*

*Finally, in re 'The Police vs. Joseph Mifsud'[15], a review is made of all previous judgements and the whole matter of the distinction between the two classes of offences is again fully discussed."*

23. Għaldaqstant abbażi tal-piena stabbilita għar-reati ravviżati taħt ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet il-Qorti tista' tikkonkludi li dawn huma filfatt kontravenzjonijiet u mhux delitti u għalhekk huma suġġetti għall-preskrizzjoni bit-trapass ta' tlett xhur.

[14] Law Reports, Vol. XXIII, P.1, p.570
[15] Criminal Court of Appeal, 9.2.1944, per Mr Justice Harding

24. Fil-każ *de quo* l-allegat reati seħħew fis-17 ta' Frar 2019. Id-Difiża tisħaq li l-imputat ġie notifikat l-ewwel darba bid-dehra tiegħu fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019 (meta allura kienu skorrew it-tlett xhur). Il-Prosekuzzjoni però targumenta li l-imputat ġie notifikat fit-23 ta' April 2019 u li dan jirriżulta mir-riferta pożittiva (a fol 3) li turi li l-atti ġew mqassma lil persuna li tgħix fl-istess fond mal-imputat.

25. Minn eżami tar-riferta esebita (fol 3) jirriżulta illi r-riċevitur kienet ċertu Loriana Galea bil-numru tal-karta tal-identità 43894(M) u li din irċeviet l-atti fil-post ta' residenza tal-imputat.

26. Skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.22:

*'4. (1) In-notifika ta' taħrika għandha ssir bil-kunsinna tat-taħrika:*

*(a) f'kull post f'Malta jew f'Għawdex personalment lill-persuna li lilha t-taħrika għandha tiġi notifikata; jew*

*(b) billi titħalla fl-indirizz postali jew fl-aħħar indirizz reġistrat ta' dik il-persuna; jew*

*(ċ) billi dik it-taħrika titħalla fil-post tan-negozju jew fil-post tax-xogħol ta' dik il-persuna:*

*Iżda n-notifika skont il-paragrafu (b) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' xi membru tal-familja tagħha jew fid-dar, jew ma' persuna li tagħti, lill-persuna mħarrka, servizz f'dik id-dar:*

*Iżda wkoll l-ebda taħrika ma għandha titħalla ma' persuni taħt l-età ta' erbatax-il sena, jew ma' xi persuna li, għal raġunijiet ta' mard tal-moħħ, ma tistax tixhed rigward dik in-notifika, u dik il-persuna għandha tiġi preżunta li tkun kapaċi tagħti xiehda sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.*

***(2) L-ebda oġġezzjoni ma tista' titressaq fuq il-bażi ta' irregolarità tan-notifika għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-provisos ta' hawn qabel, jekk jirriżulta li n-notifika fil-fatt tkun waslet għand il-persuna li kellha tirċeviha jew jekk il-persuna tidher quddiem il-Qorti.*** *(emfasi miżjuda mill-Qorti)'*

27. Il-Prosekuzzjoni tgħid illi r-riċevitur, ċertu Loriana Galea "*hija persuna li tgħix fl-istess fond mal-imputat*"[16]. Biex in-notifika tkun valida meta din titqassam f'idejn persuna li ma' tkunx il-persuna li lilha t-taħrika għandha tiġi notifikata hemm bżonn illi din titħalla:

    1. M*a' xi membru tal-familja tagħha, fid-dar JEW*
    2. *Ma' persuna li tagħti, lill-persuna mħarrka, servizz f'dik id-dar*

28. Il-Prosekuzzjoni ma' ġabet l-ebda prova, imqar minima, illi Loriana Galea hija membru tal-familja tal-imputat JEW persuna li tagħtih servizz fid-dar tiegħu.

29. Madanakollu jibqa' l-fatt illi fl-ewwel seduta ta' din il-kawża, sewwasew fl-4 ta' Ġunju 2019, l-imputat deher għall-kawża assistit mid-difensur legali tiegħu.[17] Darba ġara dan, skond l-Art. 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija, l-*ebda oġġezzjoni ma tista' titressaq fuq il-bażi ta' irregolarità tan-notifika* stante illi l-imputat filfatt deher quddiem il-Qorti ftit ġimgħat biss wara n-notifika kontestata. Għalhekk il-Qorti qegħda tqis in-notifika li saret fis-6 ta' April 2019 bħala waħda valida u peress li f'dik il-ġurnata ma' kienux għaddew tlett xhur mid-data tal-allegat reati, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma' tirriżultax fondata u qed tiġi miċħuda.

30. Mill-affidavit ta' PC 475 E. Farrugia jirriżulta illi meta waqqaf lill-vettura li kienet qed tinstaq mill-imputat huwa seta' jinnota li fuq wara tagħha kien hemm żewġt itfal minorenni bilwieqfa fuq is- seat ta' wara mingħajr seatbelt jew mezz ieħor ta' rbit. Il-Qorti tara għalhekk illi r-raba' imputazzjoni ġiet ippruvata.

31. Mill-istess affidavit jirriżulta ukoll illi l-vettura bdiet tinstaq b' veloċita qawwija u bla kontroll fejn bdiet isserrep min-naħa għall-oħra ta' triq, kif ukoll bi twerżieq ta' tyres. Il-Qorti fid-dawl ta' dak li xehed dan ix-xhud, li fl-ebda stadju ma' ġie sottopost għal kontroeżami, tqis illi anke s-seba' imputazzjoni ġiet ippruvata.

**Il-ħames u s-sitt imputazzjoni: sewqan bi traskuraġni u b'nuqqas ta' kont**

32. L- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jipprovdi hekk:

    *'15. (1) Kull min -*

---

[16] Fol 10
[17] Fol 5

*(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.'*

33. *Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdi illi:*

*'(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.*

*'(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem'*

34. Dwar il-prova fuq dawn it-tlett akkużi, ċioe' il-prova ta' sewqan b'mod traskurat, perikoluż u bla kont, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**' illi:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

35. Intqal ukoll illi:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament , jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo [14.3.59] ; Pul. vs. Wilson [Vol. XXXIX p. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li*

*biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol.XXXIX p. 1018].)*

*"Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina , [20.4.1963] ) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , [Vol. XLIV , p.892] )*

*Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : "The Police vs. Gunner Brian Wilson" [7.5.1955] li :-*

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. "Il-Pulizija vs. Manwel Mallia" [9.3.1959] u "Il-Pulizija vs. Charles Bartolo " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)*

*Umbaghad fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes" ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- "sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari , imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f' konsegwenzi dizastruzi . Il-ligi in tema ta' sewqan perikoluz tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."*[18]

36. L-Artikolu 15(1)(a) jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Però l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi

[18] Kif ikkwotat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza: **Il-Pulizija v. Anthony McKay** (Appell Kriminali Numru. 277/2004 JGD, 28/04/2005)

għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

37. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

*"Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."*

*Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*

*Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti,*

*jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."*

38. Mill-affidavit ta' PC 475 E. Farrugia rriżulta illi l-imputat kien qed isuq il-vettura b' veloċita qawwija u bla kontroll u li din bdiet isserrep min-naħa għall-oħra ta' triq, kif ukoll bi twerżieq ta' tyres. Il-Prosekuzzjoni ma' ġabitx provi fuq id-direzzjoni tat-traffiku fit-triq in kwistjoni u ċioe jekk fl-istess triq il-vetturi jiġu ukoll mid-direzzjoni opposta fil-*lane* l-ieħor. Madanakollu l-fatt biss illi l-vettura kienet qed tinstaq b'veloċita qawwija u bdiet iserrep min-naħa għall-oħra tat-triq huwa biżżejjed sabiex il-Qorti tikkonkludi illi l-imputat ma' kienx qed isuq sempliċiment b'mod traskurat iżda agħar minn hekk, bi traskuraġni kbira u b'mod illi kien qed jieħu deliberament riskji li ma' kellux jieħu tenut kont l-probabilta' ta' ħsara lil terzi – kemm jekk *pedestrians* u kemm jekk persuni f'vetturi oħra li jkunu ġejjin sia' minn direzzjoni u sia' minn oħra fl-istess triq. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ħames u s-sitt imputazzjonijiet ġew ippruvati, bil-ħames waħda tkun kompriża fis-sitt waħda abbażi tal-prinċipju *"il piu comprende il meno"*.

**Deċiżjoni**

39. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi:**

1. **Tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni (Kap. 9, Art. 49, 50) fuq nuqqas ta' provi,**

2. **Tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni (L.S. 65.18, Art. 41) peress illi r-reat ravviżat taħt din l-imputazzjoni ma' jissustix,**

3. **Issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni (sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan taħt il-Kap 65, Artiklu 15 (1) (a)), tar-raba' imputazzjoni (L.S. 65.12, Art. 7), tal-ħames imputazzjoni (sewqan bi traskuraġni taħt il-Kap. 65, Art. 15(1)(a)), tas-sitt imputazzjoni (sewqan bla kont taħt il- Kap. 65, Art. 15(1)(a)) u tas-seba' imputazzjoni (L.S. 65.11, Art. 105),**

4. **Tikkundannah iħallas il-multa komplessiva ta' elf euro (€ 1,000) liema multa għandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta titħallas ratealment fuq medda ta' għaxar (10) xhur permezz ta' pagamenti mensili ta' € 100 kull xahar b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u**

**jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' xi att ġudizzjarju ieħor.**

5. **Tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb il-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur ai termini tal-Art. 15(2) taħt il-Kap. 65.**

6. **Timponi penali ta' disa' (9) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat ai termini tal-Artikolu 36B(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |